MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 337/2012

**Mario Vella**

**vs**

**Citadel Insurance PLC**

**Il-Qorti,**
Rat ir-rikors guramentat tal-attur tat-2 ta’ April 2012 li jghid hekk:

Illi matul il-lejl bejn it-30 ta' Ottubru 2009 u l-31 ta' Ottubru 2009 il-karozza Mercedes C-Class bin-numru ta' registrazzjoni MAR-372, proprjeta ta' l-esponent insterqet minn xi hadd mhux maghruf, waqt li kienet ipparkajata fi Triq Pietru D' Armenia, Pembroke.

Illi l-istess karozza kienet assigurata mas-socjeta intimata b'polza fully comprehensive.

IIli d-danni sofferti mill-esponent bis-serqa tal-karozza imsemmija huma koperti b'din il-polza tal-assigurazzjoni.

llli b'danakollu interpellata diversi drabi biex thallas lill-esponent id-danni subiti minnu bis-serq tal-karozza tieghu kif fuq inghad, u skond l-assigurazzjoni, l-istess intimata baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fil-kors tas-smigh ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista' tirrizulta mehtiega, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti joghgobha:

1. tiddikjara illi l-incident imsemmi li fih il-karozza tal-esponent Mercedes C-Class bin-numru ta' registrazzjoni MAR-372 insterqet fil-lejl bejn it-30 ta' Ottubru 2009 u l-31 ta' Ottubru 2009 huwa kopert bil-polza ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta intimata kif fuq inghad.

2. konsegwentement tiddikjara illi l-istess socjeta intimata hija responsabbli ghall-hlas tad-danni subiti mill-esponent bis-serq tal-karozza imsemmija.

3. tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-operat ta' perit nominand.

4. tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-esponent is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta in linea ta' danni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tas-26 ta' Ottubru 2010, tal-4 ta' April 2011 u tas-26 ta' Ottubru 2010, u dawk tal-ittri ufficjali tal-5 ta' April 2011 u tas-6 ta' Marzu 2012; u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-incident kontra l-istess socjeta intimata li tibqa' ngunta minn issa biex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li qalet hekk:

1. Illi fl-ewwel lok dina l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi din il-kawza u dan in vista ta' klawsola arbitrali kontenuta fil-polza li a bazi taghha l-attur qed iressaq it-talbiet tieghu u li kwindi hija vinkolanti fuq il-partijiet. Skond l-art. 15(3) tal-Att dwar l-Arbitragg u kif ukoll skond l-art. 742(3) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili dina l-Onorabbli Qorti ghandha twaqqaf dawn il-procedura sakemm jigi finalment deciz l-arbitragg relattiv bejn il-partijiet.

2. Illi ghaldaqstant l-esponenti m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

3. Illi, fil-mertu u interament minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet surreferiti, fir-rigward tal-ammont mitlub l-esponenti jaqblu li l-'insured value' huwa l-ammont dovut lill-attur mis-socjeta esponenti pero, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta datata 28 ta' Gunju, 2012 is-socjeta konvenuta ma taqbilx li l-imghax fuq tali somma ghandu jibda jiddekorri qabel mas-socjeta esponenti giet imsejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, dan in vista wkoll ta' dak li jinsab provdut taht l-art. 1141 tal-Kodici Civili.

4. Illi in vista wkoll tat-tielet eccezzjoni surreferita u in vista wkoll tal-fatt li, kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta datata 28 ta' Gunju, 2012, fir-rigward tal-ammont pretiz kien proprju disgwid fir-rigward tat-terminu li ghalih kellu jigi komputat l-imghax li wassal sabiex il-partijiet ma jittransigux amikevolment dina l-kawza, l-esponenti xorta m'ghandux ibati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

5. Illi, l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi wahda semplici. L-attur irid jigi risarcit mill-assikurazzjoni tieghu ghad-danni subiti minnu bit-telf tal-vettura tieghu Mercedes C-Class MAR 372 li nsterqet bejn it-30 u l-31 ta’ Ottubru 2009.

**Eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti**

Fir-risposta guramentata s-socjeta konvenuta eccepiet illi l-polza tikkontjeni klawsola arbitrali li tisradika l-gurisdizzjoni li din il-Qorti li tisma’ l-vertenza. Din il-klawsola fil-fatt tinsab riportata a fol. 20 tal-polza Dok. PM1.

Din il-Qorti ma tqis din l-eccezzjoni gustifikata. Fl-ewwel lok fis-seduta tal-5 ta’ Gunju 2012 irrizulta illi s-socjeta konvenuta kienet kontumaci pero fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2012 inghatat il-fakolta li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet bl-adezjoni tal-attur wara li l-istess socjeta konvenuta ddikjarat li minghajr pregudizzju ghad-drittijiet tal-partijiet is-socjeta konvenuta taqbel mas-sorte pretiz mill-attur u kienet lesta li tbati l-ispejjez tal-kawza pero ma kinitx lesta li thallas l-imghax mid-data tas-serqa kif pretiz.

Hi l-fehma ta’ din il-Qorti illi din id-dikjarazzjoni li pprecediet ir-risposta guramentata kienet ammissjoni implicita tal-gurisdizzjoni tal-Qorti li tisma’ l-vertenza limitatament ghal meta jibda jiddekorri l-imghax fuq l-ammont mitlub. Eccezzjoni ta’ gurisdizzjoni minhabba klawsola arbitrali ghandha ssir qabel kull tip ta’ eccezzjoni jew dikjarazzjoni ohra li tista’ taghti jedd lil Qorti li tisma’ l-kawza hi ghax implicitament min ikun ghamel id-dikjarazzjoni jkun abdika mid-dritt koncess fil-polza ta’ assikurazzjoni. Hekk gara f’dan il-kaz.

Aktar minn hekk pero l-gurisdizzjoni ta’ din il-qorti giet radikata meta l-attur b’ittra legali tat-22 ta’ Settembru 2011 (fol. 35 tal-process) u ittra ufficjlai tas-6 ta’ Marzu 2012 (fol. 37 tal-process) talab lis-socjeta konvenuta tersaq ghal arbitragg u din naqset li taccetta fiz-zmien moghti lilha, anzi baqghet ma rrispondietx. F’dawn ic-cirkostanzi r-rimedju effettiv tal-attur kien li jitlob lil Qorti tisma’ l-

vertenza hi, talba li hi lecita billi patt kontrattwali ma jistax jigi injorat min parti u meta jigi rinfaccat bil-kawza, komodament jinvokah. Dik il-parti rrinunzat ghal patt kontrattwali bin-nuqqas ta' adezjoni ghalih u kwindi l-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti insorgiet f'dak l-istadju. Ara f'dan is-sens **365 Entertainment Limited vs Boss Media Malta Poker Limited et** (PA 10/07/2012) u **Malta Shipyard Limited vs VPJ Limited** (App 09/11/2012).

Kwindi din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Mertu**

Il-mertu ma huwiex fuq is-sorte li hu l-ammont li ghalih il-vettura kienet assikurata cioe €23,300 skond ic-certifikat tal-assikurazzjoni a fol. 41 tal-process, izda rigward it-talba ghall-imghax li l-attur jinsisti jibda jiddekorri mid-data tal-incident ghax id-dewmien tal-hlas jikkostitwixxi telf u danni ghall-attur u skond is-socjeta konvenuta l-imghax isir dovut meta giet imsejha b'att gudizjarju skond l-artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili. L-ewwel att gudizjarju qabel il-kawza hi l-ittra ufficjali tal-5 ta' April 2011 (fol. 31 tal-process) cioe sbatax-il-xahar wara s-serqa tal-vettura.

Il-Qorti fliet l-atti ta' din il-kawza u ma sabet ebda raguni ghaliex l-assikurazzjoni kellha tistenna biex tinfetah il-kawza f'April 2012 biex taccerta li tonora l-claim tal-attur li sar immedjatament wara l-incident. Sa mis-26 ta' Ottubru 2010 (ittra legal ital-attur a fol. 27 tal-process) l-attur kien gia qed jilmenta mid-dewmien dwar is-settlement tal-claim. Ir-risposta fi Frar 2011, cioe erba' xhur wara, kienet li l-assikurazzjoni riedet dokumenti ta' importazzjoni, liema dokumenti skond ma rrisponda l-attur fl-4 ta' April 2011 (fol. 29 tal-process) ma kellux peress li hu xtara l-vettura minghand dealer f'Malta, li ssemma' b'ismu. Sussegwentement saret ittra ufficjali mill-istess attur l-ghada u fil-5 ta' Mejju 2011 l-avukat tas-socjeta konvenuta infurmah b'ittra li l-claim kienet ghadha qed tigi verifikata (fol. 33 tal-process) minghajr spjegazzjoni ulterjuri. Nonostante zewg ittri u ittra ufficjali ohra fis-6 ta' Marzu 2012 da parti tal-attur, is-socjeta konvenuta baqghet ma rrispondietx sakemm saret il-kawza.

Ix-xiehda ta’ Philippa Taylor East in rapprezentanza tal-assikurazzjoni ma ghenitx ticcara l-pozizzjoni li hadet l-assikurazzjoni f’dan id-dewmien kollu. Hi kkonfermat li d-decizjoni li l-claim tithallas ittiehdet wara l-ftuh tal-kawza. Ziedet li riedu informazzjoni dwar l-importazzjoni tal-vettura u li rcevew ir-risposta minghand l-attur pero ziedet li sa dak iz-zmien ma kinitx konkluza l-investigazzjoni tal-claim. Qalet li kienu qabdu investigator ghax din kienet serqa u li ghamel rapport pero ma kellhiex ir-rapport fil-file u lanqas kienet taf meta tlesta ghalkemm fuq domanda tal-Qorti qalet li tlesta qabel intbaghtet l-ittra lill-attur tas-17 ta’ Frar 2011. il-konkluzjoni tal-espert kienet li kellu dubju jekk sehhitx verament is-serqa. Mistoqsija mill-Qorti x’kienet qed taghmel l-assikurazzjoni wara l-ittra tal-attur ta’ April 2011 sakemm giet prezentata l-kawza, ix-xhud qalet li kienu ghadhom qed jiddiskutu l-claim ghax kellhom xi dubju pero ma spjegatx oltre.

Il-Qorti rinfaccjata b’dawn il-fatti tqis illi f’kaz bhal dan cioe kaz ta’ serq, a prescindere minn investigazzjonijiet tal-pulizija, l-assikurazzjoni ghandu jkollha l-jedd u l-fakulta li a spejjez taghha taghmel l-investigazzjonijiet necessarji ex parte biex tassigura ruhha qabel taccetta jew tirrigetta talba ghal kumpens assikurattiv. Il-Qorti tqis pero illi dan ghandu jsir fi zmien ragonevoli. L-artikolu 1133 ighid illi d-debitur hu responsabbli ghad-danni ghad-dewmien sakemm ma jippruvax illi d-dewmien kien imputabbli ghal kawza estraneja pero skond l-artikolu 1139 fejn l-oggett tal-obligazzjoni hu l-hlas ta’ somma determinata, id-danni jistghu jikkonsistu biss f’imghax ta’ tmienja fil-mija (8%).

Jidher illi talba ghall-imghax fil-kamp civili anki jekk rizultat ta’ danni ta’ hlas ta’ ammont determinat ma jibdiex jiddekorri ipso iure mid-data tal-fatt izda mill-interpellazzjoni ufficjali. F’dan il-kaz hemm problema ohra li l-ammont qatt ma gie determinat mill-attur pero l-Qrati taghna sostnew illi fejn l-ammont hu facilment deducibbli, allura ma tqumx il-kwistjoni li l-imghax jiddekorri meta l-ammont jigi likwidat. F’dan il-kaz l-ammont kien dejjem deduccibbli u anzi cert billi l-attur kien qed jippretendi l-insured value tal-vettura kif imnizzel fil-polza tal-

assikurazzjoni billi din kienet kwistjoni ta’ serq u l-kumpens allura jkun l-insured value tal-vettura. Ma jidhirx f’dan il-kaz almenu mill-atti li kien hemm xi problema bejn l-insured value u l-market value ghalkemm ghal precizjoni l-Qrati sostnew fi kwistjonijiet civili li l-imghax xorta jiddekorri mill-intimazzjoni ufficjali ghal likwidazzjoni u hlas ta’ danni (ara **Pacifiko Bezzina vs Victor Buttigieg** (App Supp 05/04/2013).

Jibqa’ ghalhekk jigi deciz minn meta ghandu jibda jiddekorri l-imghax. L-attur qed jitlob li l-imghax jiddekorri mid-data tas-serqa bi u minghajr interpellazzjoni ghax l-attur kien qed isofri nuqqas u telf li ghalih ghandu jigi risarcit. Pero l-Qorti a bazi ta’ dak kunsidrat aktar il-fuq ma tqis li l-Qorti ghandha diskrezzjoni f’din il-materja oltre dak li taghti l-ligi. Id-danni konsistenti fl-ghoti tal-imghax jibda jiddekorri biss mid-data ta’ interpellazzjoni ufficjali, f’dan il-kaz mill-5 ta’ April 2011 u mhux qabel.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta dwar in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni, tilqa’ t-talbiet attrici billi tiddikjara li s-socjeta konvenuta responsabbli ghal-hlas tal-ammont assikurat mill-attur fuq il-vettura MAR 372 u kwindi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt euro (€23,300) bl-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) u jibda jiddekorri mill-5 ta’ April 2011 liema imghax jinkorpora d-danni sofferti mill-attur, u l-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz jithallsu kollha mis-socjeta konvenuta billi l-istess socjeta naqset li anqas taccetta l-hlas tas-sorte qabel id-data tal-prezentata tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------